MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2006

Rikors Numru. 25/1995/1

Carmelo Frendo I.D. 258547(M), u Carmelo Frendo, Bartolomeo, Anthony, Francis u Guiseppa mart Joseph Grech ahwa Frendo stante il-mewt ta’ Bartolomeo Frendo fis-26 ta’ Ottubru, 1997 assumew l-atti l-imsemmija Carmelo Frendo (senior), Carmelo Frendo (junior), Anthony Frendo, Francis Frendo u Guiseppa mart Joseph Grech b’digriet ta’ l-1 ta’ Frar, 2005

vs

Emanuel Gauci

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fil-25 ta’ Ottubru, 1995 fejn esponew:

Illi huma jikru l-intimat ir-raba’ msejjah Ta’ Laqba limiti tan-Naxxar u dan bil-qbiela ta’ Lm10 jithallsu kull 15 ta’

Awissu b'lura bl-ewwel skadenza li jmiss f'Santa Maria 1996;

Illi Carmel Frendo junior li ghandu l-karta ta' l-identita' hawn fuq indikata ghandu bzonn l-istess raba ghalih innifsu peress li huwa bidwi full time u kwalunkwe bicca raba ghandha utilita' ghalih filwaqt illi l-intimat lanqas juza l-istess raba jew juzaha b'inqas minn dak li hu l-potenzjal taghha.

Carmel Frendo ma ghandux mezzi ta' ghixien minn band'ohra.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzahhom jirriprendu pussess tal-ghalqa msemmija Ta' Laqba limiti tan-Naxxar u dana fi zmien qasir u perentorju u fit-tieni lok tillikwida l-kumpens dovut jekk huwa il-kaz lill-intimat tal-benefikati jekk kemm-il darba ghamel l-istess benefikati.

Ra r-risposta pprezentata mill-intimat Emanuel Gauci fejn espona:

1. Illi in liena preliminari huwa ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent Carmelo Frendo detentur tal-karta ta' l-identita' numru 258547(M);

2. Illi Carmelo Frendo (I.D. No 258547 (M)) ma huwiex membru tal-familja ta' sid il-kera ghall-finijiet ta' l-Artikolu 4(2)(A) tal-Kap 199;

3. Illi ma huwiex minnu li l-intimat ma juzax ir-raba jew li juzahha b'inqas minn dak li hu l-potenzjal taghha. Fil-fatt l-ghalqa tinhadem regolarment minnu.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-digriet tieghu tad-29 ta' Novembru, 1997 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-PL Anthony Mifsud.

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti.

Ra l-verbal tal-5 ta’ Dicembru, 2005.

Ikkunsidra:

1. L-intimat qieghed jeccepixxi in linea preliminari li ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent Carmelo Frendo (I.D. 258547 M). Dan ta’ l-ahhar fisser bil-gurament fis-seduta ta’ l-4 ta’ Lulju, 1996 kif huwa u hutu huma ko-propretarji ma’ nies ohra tal-familja Gauci. Il-Bord ihossu sodisfatt li Carmelo Frendo hu wiehed mill-ko-propretarji. Barra dan meta gie nieqes Bartolomeo Frendo wiehed mill-werrieta kien l-imsemmi Carmelo Frendo. Ghalhekk il-Bord qed jichad l-ewwel eccezzjoni.

2. L-intimat eccepixxa wkoll li l-imsemmi Frendo mhux membru tal-familja ta’ sid il-kera. Diga’ rrizulta li Frendo hu ko-propretarju. Barra dan l-artikolu 2 ifisser “membru tal-familja” kif gej:

“axxendent lineari, dixxendent lineari, armla jew armel, ragel tat-tifla u l-armla tat-tifel sakemm ma tergax tizzewweg, <u>tal-kerrej”.</u>

Din it-tifsira tirreferi ghall-<u>kerrej</u> biss u mhux ghas-<u>sid.</u> Ghalhekk meta l-ligi issemmi l-htiega tas-sid li jahdem r-raba hu jew membru tal-familja, il-kliem membru tal-familja hu aktar wiesa minn dak ta’ “familja tal-kerrej”. Ghalhekk il-Bord qed jichad it-tieni eccezzjoni ta’ l-intimat.

3. Michudin l-eccezzjonijiet preliminari l-Bord ser jghaddi biex jezamina l-kawzali li fuqhom ir-rikorrent qed jibnu t-talba tieghu biex jerga’ jiehu r-raba’ f’idejh. L-ewwel wahda:

Carmelo Frendo junior ghandu bzonn ir-raba ghalih innifsu billi huwa bidwi part time u kwalunkwe bicca raba ghandha utilita’ ghalih.

4. Carmelo Frendo (senior) jghid li nepputih Carmelo Frendo (Junior) huwa bidwi full time, ghandu r-raba qrib, hu interessat li jahdem "kull roqgha art illi jista' jahdem huwa fl-interess tieghu......" Carmelo Frendo junior ifisser il-htiega tieghu billi jistqarr:

"jiena d'aparti tieghu nahdem bhala full time farmer u jiena registrat b'dan il-mod. Jiena raba saqwi m'ghandix u ghalhekk niddependi mir-raba baghli illi ghandi, pero' jkolli nahdmu ntensament u dak li ghandi llum, kif inhuma sejrin l-affarijiet certament mhux bizzejjed ghal ghixien tieghi. Din l-ghalqa mhux qed nitlobha lura bhala kapricc imma minn habba li qieghda fl-akkwati tieghi u tiswieli wkoll ma' raba iehor ghall-iskopijiet ta' l-ghixien tieghi" (fol 16).

5. "Il-piz tal-provi ta' dan il-bzonn hu fuq is-sid li jehtieg juri mhux biss li hu qed jagixxi in buona fene, imma anke li hu ghandu bzonn li jirriprendi pussess tal-fond. Certament mhux mehtieg li tigi pruvata necessita' assoluta, izda jehtieg jigi pruvat grad ragonevoli ta' bzonn (ara "Saliba vs Caruana", Appell 28 ta' Mejju, 1966, "Aquilina noe vs Caruana et" Bord.

"Il-Bord kellu jkun sodisfatt illi s-sid tar-raba kien jehtiegu biex jigi wzat ghal skopijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja. Din il-prova kellha ssir qabel kollox u fl-ewwel lok minn sid il-kera". ("Calleja et vs Calleja et" Appell 6 ta' Ottubru, 2000, "Caruana et vs Degabriele" 3 ta' Novembru, 2004).

6. Jirrizulta li Frendo (junior) qed jitlob ir-raba ghal skopijiet agrikoli, irid juza r-raba u hu gabillott ("Mizzi vs Stellini", 23 ta' Ottubru, 2000 Appell). (Fl-affidavit ighid li qed jipprezenta kopja ta' formula ghat-taxxa fuq id-dhul. Il-Bord kif presedut qatt ma rahha. Qal lill-partijiet li kienet nieqsa imma ma tressaq xejn).

7. Ghalkemm setgha lahham ahjar il-bzonn tieghu, Frendo (junior) ipprova li ghandu bzonn ir-raba. Dan il-bzonn ma gie bl-ebda mod kontestat, lanqas fit-twegiba. Kontro ezami tar-rikorrent qatt ma sar.

8. La gie pruvat il-bzonn il-kerrej irid jiddefendi ruhu billi jipprova li r-raba kien fonti importanti ghal ghixien tieghu. “Mhux bizzejjed illi r-raba jkun ghall-inkwilin fonti mportanti ta’ dhul, irid ikun fonti mportanti tal-ghixien. Dana fis-sens li jekk jonqos dak id-dhul, il-mezzi ta’ l-ghixien tieghu kienu ser ikunu markatament pregudikati, anke jekk mhux necessarjament b’mod determinanti jew vitali. Din il-prova trid skond il-ligi issr mill-inkwilin” (“Farrugia vs Aquilina”, 29 ta’ April, 1996 u “Mizzi et vs Sacco”, 31 ta’ Mejju, 1996, it-tnejn Appell). Dwar dan ma ssemma xejn f’dawn il-proceduri. L-intimat jahdem mat-Trade Fair Corporation u huwa part time farmer. Il-Bord daqshekk jaf. Il-partijiet hlew hafna zmien fuq l-istat ta’ l-ghalqa u x’jinzera fiha li wehidhom ma tantx iwasslu ghall-kawzali msejsa fuq il-bzonn. Jinghad pero’ li xi hitan kienu responsabbilta’ ta’ l-intimat ghat-tiswija ghalkemm m’humiex gravi.

9. Billi r-rikorrenti ppruvaw il-bzonn taghhom u l-intimat ma ppruvax li r-raba hu fonti mportanti ta’ l-ghixien tieghu u tal-familja tieghu, l-Bord ma ghandux jidhol fil-kwistjoni ta’ tbatija tal-partijiet, ghalhekk qed tigi milqugha t-talba biex ir-rikorrenti jergghu jiehdu f’idejhom ir-raba msejjah ta’ l-Laqba fit-truf tax-Naxxar.

Ghall-ghan ta’ tkeccija jaghti tlett (3)xhur zmien millum. Skond ir-rapport tal-periti ma saru ebda benefikati f’dawn l-ahhar tminn (8) snin, billi r-rikorrenti ser jiehdu r-raba f’idejhom minhabba bzonn, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------